IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI TAT-TAXXA (NIT)**

**Karta ta' Informazzjoni tal-Pajjiż: L-Italja (IT)**

## 1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| LLLLLL99L99L999L | 16-il karattru (6 ittri + 2 figuri + ittra 1 + 2 figuri + ittra 1 + 3 figuri + ittra 1) | N/A |

## 2. Deskrizzjoni tan-NIT

L-Italja toħroġ in-NIT (bit-Taljan: *Codice fiscale*) li ma jitniżżilx fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

Ir-regoli ġenerali dwar l-għoti ta' NIT lil individwi u persuni għajr l-individwi huma stabbiliti mid-Digriet Presidenzjali Nru 605 tad-29/09/1973.

TIN ikun validu jekk jiġi rreġistrat fir-Reġistru Taljan dwar it-Taxxa ammnistrat mill-Aġenzija Taljana tad-Dħul (Agenzia delle Entrate).

Il-persuni li ma jkollhomx NIT għandhom iressqu talba lil kwalunkwe Uffiċċju tal-Aġenzija Taljana tad-Dħul. It-talba trid tindika d-dejta personali u d-domiċilju korrett, u mbagħad jirċievu karta li tindika n-NIT li jingħata. Meta ssir it-talba, iċ-ċittadini Taljani u tal-UE jridu juru dokumenti ta' identifikazzjoni validu.

Fil-każ tal-minorenni, it-talba titressaq minn ġenitur, li jippreżenta d-dokument ta' identifikazzjoni tiegħu.

Fil-każ tat-tfal, in-NIT jiġi assenjat mill-muniċipalitajiet meta jiddaħħlu fir-reġistri għall-ewwel darba.

Alternattivament, iċ-ċittadini minn pajjiżi 'l barra mill-Unjoni Ewropea għandhom juru:
- passaport validu, b'viża jekk din tkun obbligatorja, jew dokument ekwivalenti approvat mill-awtoritajiet Taljani;
- ċertifikat tal-identità maħruġ mill-missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari fl-Italja tal-pajjiżi tal-oriġini (b'ritratt);
- permess ta' residenza validu;
- karta tal-identità maħruġa mill-muniċipalità ta' residenza.

L-uniku NIT aċċettabbli huwa dak li jinħareġ mill-Uffiċċji tad-Dħul (Agenzia delle Entrate). Ħadd ieħor ma huwa awtorizzat li jipproduċi programmi ta' softwer għall-komputazzjoni tan-NIT jew għall-istampar ta' karti.

## 3. Fejn tista' ssib in-NIT?

In-NIT (*Codice fiscale*) ma jitniżżilx fuq dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni, iżda jista' jinstab fuq il-karta tas-saħħa u l-karta tan-NIT.

### 3.1. Karta tas-saħħa

Fil-każ ta' persuna intitolata għas-servizzi tas-Sistema tas-Saħħa Taljana, in-NIT jintwera fuq il-karta personali tas-Saħħa / in-Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa (*Tessera sanitaria/Codice fiscale*).



[2]

### 3.2. Karta tan-NIT

Fil-każ ta' persuna li ma tkunx intitolata għas-servizzi tas-Sistema Taljana tas-Saħħa, in-NIT jintwera fuq il-karta tan-NIT.

#### 3.2.1. Karta ġdida maħruġa mill-2006




#### 3.2.2. Karta qadima (maħruġa qabel l-2006)



## 4. Il-websajt nazzjonali tan-NIT

| | |
|---|---|
| Tagħrif dwar in-NIT: | L-Aġenzija Taljana tad-Dħul |
| Verifika onljan tan-NIT: | - L-Italja għandha websajt pubblika għall-verifika tal-validità formali tan-NIT: tista' jew tivverifika li NIT realment jeżisti jew li NIT jikkorrispondi mal-informazzjoni li titressaq dwar l-identità.<br>- Barra minn hekk, inti tista' tniżżel programm speċifiku mill-websajt tal-Aġenzija Taljana tad-Dħul (Agenzia delle Entrate) biex tivverifika NIT Taljan (agħżel "Programma" fin-naħa tax-xellug u mbagħad tkun tista' tniżżel il-programm). |

## 5. Punt nazzjonali ta' kuntatt tan-NIT:

| | |
|---|---|
| Kuntatt: | http://www1.agenziaentrate.gov.it/strumenti/mappe/wps/portal/entrate/contatta<br>(Ikkuntattja l-Aġenzija Taljana tad-Dħul direttament b'e-mail jew telefonata jew fittex uffiċċju) |

## 6. Avviż legali

L-informazzjoni dwar in-Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) u l-użu tal-modulu onlajn għall-verifika tan-NIT disponibbli fuq dan il-Portal Ewropew tan-NIT Portal, huma suġġetti għal dikjarazzjoni ta' rinunċja, avviż dwar id-drittijiet tal-awtur u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza

Avviż speċifiku dwar id-drittijiet tal-awtur għar-Repubblika Taljana (2012)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mill-Ministeru Taljan responsabbli mill-Ekonomija u l-Finanzi u Istituzzjonijiet Pubbliċi oħra jew f'isimhom minn entitajiet terzi dwar il-Portal Ewropew tan-NIT huwa suġġett għar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

Ir-riproduzzjoni tal-kontenut fuq il-paġni tal-Ministeru Taljan responsabbli mill-Ekonomija u l-Finanzi jew istituzzjonijiet pubbliċi oħra hija awtorizzata, sakemm jiġi rikonoxxut is-sors, u jekk ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

Fil-każijiet fejn ir-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali u multimedjali (ħsejjes, immaġni, softwer, eċċ.) ikunu jeħtieġu permess minn qabel, dan il-permess għandu jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.